**21 ta' Mejju, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. *Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.***

Nicholas Camilleri *et*

*versus*

Salvatore Camilleri *et*

**Żgumbrament - Talba għal Ripreża ta' Pussess**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti fejn ordnat żgumbrament minn għalqa għaliex detenuta mingħajr titolu.*

Il-Qorti:-

B'avviż fil-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, l-atturi appellati talbu l-iżgumbrament ta' l-intimati appellati mill-għalqa ossia klawsura tal-Barumbara, kontrada ta' San Teodoro, is-Siġġiewi, li huma kienu jokkupaw bla titolu fil-liġi u b'mera tolleranza. Bl-ispejjeż;

L-eċċezzjonijiet ta' l-intimati:

L-intimati eċċepew li huma qed jokkupaw din l-għalqa b'titolu validu fil-liġi;

Li l-attur qabad u daħal fl-għalqa u kkomme[illegible] spoll;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-14 ta' Lulju, 1997, fil-kawża fl-ismijiet premessi, dik l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet li tilqa' t-talbiet ta' l-atturi għall-iżgumbrament tal-konvenuti mill-għalqa imsejħa tal-Barumbara kontrada ta' San Teodoro, is-Siġġiewi u dan fuq il-bażi li kien jokkupaha mingħajr titolu, bl-ispejjeż;

Peress li deher li kien hemm raġunijiet li jaggravaw lill-intimat bl-imsemmija sentenza, ġie interpost appell minnha bl-aggravju li ġej:

"Huwa tajjeb li jiġu nkwadrati l-fatti fil-qosor. L-espoenti

kien ilu jaħdem ir-raba' għal snin twal u kien iħallas il-kera premezz ta' ommu. Din l-omm, veru li meta ġiet mistoqsija ċaħdet, imma l-esponenti kkonferma dan sewwa bil-ġurament tiegħu, u kemm martu. *L-attur għal snin twal u kif jgħid hu stess* qatt ma ħadem l-għalqa;

Minn dan għalhekk ikkonfrontat ma l-istess sentenza appellata jirriżultaw is-segwenti aggravji:

Il-versjoni mogħtija mill-konvenut hija assolutament aktar verosimili. Min hu dak l-iblah li mill-anqas mill-1973 iħallas għall-ħaddieħor u ma jieħu xejn. Ċertament il-kurja qabel u l-*Joint Office* ma kinux se jħallu l-qbiela ma titħallasx;

Dan hu indizju ċar ta' *quid pro quo*, u għalhekk hija aktar indikattiva l-versjoni tal-konvenut li kien hemm titolu tiegħu fuq l-art;

Inoltre, il-versjoni mogħtija mix-xhieda tal-konvenut li bl-ebda mod ma ġew ikkontestati huma ukoll ix-xhieda li jsaħħu l-versjoni tiegħu. Huwa dejjem ħadem l-għalqa, kien ħadha mingħand Cutajar;

Il-fatt li l-attur jirriżulta li għandu l-qbiela fuq ismu u li dan kien mill-kurja u wara mingħand il-*Joint Office* ma jwassalx li ma kienx hemm ftehim bejn il-familjari. L-irċevuti tal-qbiela *huma ndizju tal-ħlas aktar mill-prova li hemm ftehim ta' kirja.* It-tenwità tal-qbiela, kif ukoll l-importanza li r-raba' jinħadem kien jissodisfa lis-sid. Fuq min issir irċevuta minn ċorma tfal f'familja kellu rilevanza pjuttost żgħira;

L-Ewwel Qorti qalet li hemm ingratitudini da parti tal-konvenut li ħuh ħallieh jaħdem ir-raba' b'xejn. Ma jidhirx li tali sitwazzjoni hija rispekkjata meta teżmina l-fatti kollha tal-

kawża. L-Ewwel *Qorti waslet għall-konklużjoni li* "probabbilment il-versjoni ta' l-attur" hija vera. Dan jindika fiha stess element ta' dubbju ukoll. Dak id-dubbju kien akbar *kieku wieħed fela* aktar, *speċjalment ix-xhieda ta' nies* indipendenti";

Għaldaqstant l-appellanti intimati talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti *tal-Maġistrati (Malta) fl-*14 ta' Lulju, 1997, fl-ismijiet premessi, u minflok tiċħad it-talbiet ta' l-atturi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kontroparti appellata;

L-appellati wieġbu hekk:

"Illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma;

*Illi ġie kkonfermat b'mod inkonfutabbli illi r-raba' tal-*Barumbara fil-kuntrada ta' San Teodoro, is-Siġġiewi, hija raba' tal-*Joint Office*, li hija mqabbla lill-appellat Nicholas Camilleri u dan kif jirriżulta mill-irċevuti u għal dan l-aħħar 24 sena;

Illi qabel l-imsemmi Nicholas Camilleri kien jaħdem ir-raba' ċertu Cutajar li wara li kien għalaq iż-żmien tal-pensjoni, bil-permess ta' l-Awtoritajiet Ekklesjastiċi u bir-rikonoxximent tagħhom dawwar il-bqiela imsemmija fuq l-appellat;

Illi l-appellat wara xi żmien li kien jaħdem ir-raba' flimkien ma' missieru u ma' ħutu, stante *li* huma familja ta' gabillotti, weġġa' sieqn u għal xi żmien ma setax ikompli jaħdem ir-raba' in kwistjoni;

Illi fil-fatt huwa ħalla lill-konvenut appellant ikompli jaħdem ir-raba' mingħajr qbiela u mingħajr ebda kumpens ieħor

sakemm jkun f'posizzjoni li jkun jista' jaħdem ir-raba' in kwistjoni. Fil-fatt huwa baqa' jħallas il-qbiela tar-raba', l-ewwel fl-Ospizio Sawra, ir-Rabat, imbagħad lill-*Joint Office* bil-qbiela ta' Lm5 fis-sena;

Illi minkejja l-appellant xehed illi huwa kien jagħti Lm5 qbiela lill-omm il-kontendenti biex hija tħallas għan-nom tiegħu r-raba' in kwistjoni, ġie ppruvat mix-xhieda ta' Antonia Camilleri, *illi dan qatt ma kien minnu u li hija qatt ma rċeviet* flus mingħand l-appellant;

*Illi l-appellant* inoltre qatt ma ddepożita xi flus il-Qorti minkejja li xehed illi ommu ma baqgħetx tirċievi din il-qbiela għal xi erba' snin qabel ma bdiet il-kawża;

Illi fil-fatt huwa ddepożita biss flus li jirrappreżentaw ħlas pretiż ta' sentejn u dan meta bdiet il-kawża in kwistjoni;

Illi mill-fattispeċje tal-każ jirriżulta li hemm ingratitudini da parti tal-konvenut appellant li huh ħallih jaħdem ir-raba' b'xejn u meta talbu biex jiżgombra biex huwa jerġa' jkompli jaħdem ir-raba', *jippretendi li għandu xi drittijiet li la huma* veritieri u lanqas verosimili";

Għaldaqstant l-intimat jitlob bir-rispett lil din il-Qorti jogħġobha tiċħad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dan l-appell, din il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Sostanzjalment l-aggravju ta' l-appellant intimat huwa li l-

Ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni u apprezzament skorrett tal-provi illi ġew prodotti u dan stante li l-versjoni ta' l-appellant hija aktar verosimili minn dik mogħtija mill-atturi appellati;

Din il-Qorti qieset mill-ġdid il-provi kollha u ma jidhrilhiex li hemm x'jiġi ddisturbat jew mibdul f'dak li ġie kkostatat u deċiż mill-Ewwel Qorti. Jirriżulta ċar u tond li oriġinarjament il-qbiela ta' dan ir-raba' kienet fuq isem Ġużeppi Cutajar u li dan għaddiha in segwitu lil Nikola Camilleri, missier il-kontendenti rġiel, jiġifieri l-aħwa Camilleri. Dan Nikola Camilleri ma ħadmitx biss fl-għalqa *de quo*, proprjetà ġà tal-Kurja, u wara tal-Gvern, imma ħadem raba' ieħor flimkien ma' *ibnu l-intimat* Salvatore *Camilleri. Issa jidher li meta l-missier refa'* mix-xogħol, ir-raba' tiegħu dawru fuq l-intimat Salvatore Camilleri ħlief l-għalqa msejħa tal-Barumbara, kontrada ta' San Teodoro, is-Siġġiewi. Effettivament dina l-għalqa għaddieha lill-ibnu l-ieħor Nicholas Camilleri, l-appellat. Dan ġie rikonoxxut mis-sidien u l-appellat beda jħallas u għadu jħallas sal-lum il-qbiela kif jidher ampjament mill-irċevuti *esebiti (fol. 15-36 tal-proċess).* Kuntrarjament *għal dak li* ġie sottomess mill-appellant, il-pretensjoni ta' l-atturi ma tistrieħx fuq dawn l-irċevuti - li jibqgħu xorta waħda pova inkontestata - għax *jista' jkun li* xi ħadd jista' jidentifika ruħu bħala l-gabillott meta ma jkunx hu. Iżda l-istess konvenut xehed (ara fol. 50) kwantu segwe:

"xi tletin sena ilu missieri fettillu jdawwar din l-għalqa fuq isem hija Nicholas";

Kwindi dan jaqbel perfettament ma' dak li xehed l-attur. Ma hemm xejn inverosimili jew "bluha" li wieħed jibqa' jħallas il-qbiela sena wara l-oħra minkejja li ma jaħdimhiex, kif jidher li għamel l-attur, għar-raġuni li b'daqstant huwa jkun qiegħed jikkonserva favurieh id-dritt lokatizzju. Il-fatt li l-konvenut

ħadem fl-għalqa *de quo* għal ħafna snin - b'tolleranza da parti ta' ħuh - ma jtih l-ebda titolu fuqha kif jippretendi. Għalhekk ukoll dak li xehdu l-gabillotti l-oħra li kienu jaraw *lilu biss* (i.e. lill-appellant) jaħdem ir-raba' mhuwiex ta' siwi minn punti di vista ta' dritt. L-appellant u martu xehdu li huma kienu jħallsu ħames liri (Lm5) lill-omm il-kontendenti, Antonia Camilleri biex din tħallasha lill-Gvern. Prodotta mill-appellanti bħala xhud tagħhom, din Antonia Camilleri mhux biss ċaħdet dan il-fatt nettament, imma kkonfermat li r-raba' *de quo* jinsab irreġistrat f'isem l-attur appellat. Stramb ukoll il-fatt li filwaqt li l-appellanti Nathalie Camilleri kienet edotta minn ċerti fatti, fl-istess waqt ċerti fatti oħrajn li jassoċjaw lil din l-għalqa ma' Nicholas Camilleri ma kinitx tafhom. Qalet però li (fol. 55 tal-proċess):

"Jiena għandi l-kotba tal-qbiela illi huma rreġistrati fuq isem żewġi, però rċevuti fuq din l-għalqa partikolari jiena ma għandhiex u qatt ma kellna" (sottolinejar tal-Qorti);

L-appellant semma' l-fatti li fl-ewwel irċevuta tal-11 ta' Marzu, 1973 hemm imniżżel (fol. 36) il-kliem "bla preġudizzju". Dan il-fatt m'għandux jiġjova lill-appellant għaliex jirrigwarda strettament ir-relazzjonijiet ta' bejn l-attur u s-sid, apparti l-fatt li wara din id-data, il-qbiela baqgħet tiġi rċevuta regolarment mis-sid mingħajr tali kwalifika;

Illi billi l-Ewwel Qorti kkummentat li l-versjoni ta' l-appellat hija aktar "probabbli" minn dik ta' l-intimat, m'għandu lanqas dan jittieħed bħala xi argument kontra t-teżi attriċi għax mhu xejn għajr riflessjoni tan-norma illi fil-kamp ċivili il-grad ta' prova rikjest, a differenza minn dak fil-kamp kriminali, huwa wieħed ibbażat fuq probabilità. Li jirriżulta biċ-ċar hu li l-appellanti bl-ebda mod ma ppruvaw li għandhom xi titolu fuq l-għalqa *de quo* u li għalhekk l-aggravji tagħhom mhumiex

fondati;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża fl-ismijiet premessi fl-14 ta' Lulju, 1997, tiċħad l-appell ta' l-intimati appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrihom u b'xahar żmien mil-lum għall-fini ta' żgumbrament.